# LECTIO DIVINA
# L-I ĦADD TAL-AVVENT (SENA A)

**Mt 24, 37-44**

Ninsabu fil-qofol tad-diskors eskatoloġiku, l-aħħar mill-ħames diskorsi kbar fil-vanġelu skont San Mattew. Ġesù jinsab Ġerusalemm, ikellem lid-dixxipli "bilqiegħda fuq l-Għolja taż-Żebbuġ" (24, 3) f'kuntest li fih il-mewt tiegħu hija imminenti. Il-kapitlu 24 jista' jinqasam f'żewġ partijiet: fl-ewwel parti

Ġesù jgħid lid-dixxipli x'se jkunu dawn il-ġrajjiet li għad iridu jseħħu; fit-tieni parti (minn v. 32, it-tixbiha tas-siġra tat-tin) l-enfasi taqa' fuq kif id-dixxipli jistgħu jagħrfu ż-żmien li fih jiġri dan kollu.

Din hija l-mistoqsija fundamentali tal-letteratura apokalittika: meta se jseħħ dan kollu? Dan narawh b'mod ċar fil-ktieb ta' Danjel (eż. kap. 9), kif ukoll fil-kotba apokrifi tat-Testment il-Qadim. Fir-4 Esdra insibu dawn il-kelmiet:

"'Mulej, inti diġa wrejtni ħafna sinjali, li se tagħmel fl-aħħar jiem. Imma għadek ma wrejtnix f'liema żmien'. U hu weġibni: 'Kejjlu inti stess iż-żmien'." "Dak il-jum u s-siegħa", li lanqas l-Iben ma jafhom mhumiex sempliċiment żmien oġġettiv li jitkejjel bl-arloġġ jew bil-kalendarju, imma żmien li jvarja minn individwu għal individwu u minn komunità għal komunità. Dan ngħiduh mingħajr ma nwarrbu r-riferiment li Ġesù qed jagħmel għat-tieni miġja tiegħu u tmiem tal-univers, ġrajja li mid-dehra għadha mbiegħda minna.

**v. 37: Bħal fi żmien Noè, hekk tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem**

Fil-ġrajja ta' Noè, Alla kien ta sinjali ċari li kienet ġejja l-katastrofi fuq id-dinja. Id -dilluvju ma kienx xi ħaġa li ġiet għall -għarrieda. Ir-rabbini Lhud kellhom *midrash* li fih kienu jirrakkuntaw li qabel id-dilluvju Alla kien ilu 120 sena jwissi lill-bnedmin biex jikkonvertu. Wara li qal lil Noè biex jibni l-arka in-nies kienu jsaqsu kontinwament lil Noè għalfejn ħawwel iċ-ċedri, għalfejn qed jaqtagħhom, għalfejn qed jibni l-arka... Noè kien jgħidilhom li ġej id-dilluvju fuq l-art u kulħadd kien jiddieħak bih. Ta' min jinnota li Noè żamm sħiħa l-fidi tiegħu minkejja li għal żmien twil l-imġjieba tiegħu flok sinjal ġiet interpetata bħala xi ħaġa taż-żufjett. L-importanza tal-perseveranza tiegħi fil-valuri u l-ideali li għal ħafna huma irrelevanti u bla sens.

**v. 38: Għax kif fiż-żmien ta' qabel id-dilluvju kienu jieklu u jixorbu, jiżżewġu u jżewġu sa dakinhar li Noè daħal fl-arka, u b'xejn ma ntebħu sa ma wasal id-dilluvju u ġarr lil kulħadd, hekk tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem**.

Ġesù ma jikkundannax l-ikel, ix-xorb, u ż-żwieġ li huma azzjonijiet meħtieġa li bihom il-bniedem min-natura tiegħu jiġġieled kontra l-mewt. Bl-ikel u x-xorb jgħin lill-ġismu jirreżisti kontra l-mard, l-għeja u ż-żmien. Biż-żwieġ u r-riproduzzjoni jiggarantixxi l-ġejjieni għall-ispeċi tiegħu. Il-bnedmin intilfu mhux għax kienu jieklu, jixorbu, u jiżżewġu, imma għaliex "b'xejn ma nteħbu". Ma ndunawx li fil-ħajja tal-bniedem hemm *issues* iktar urġenti u importanti u għalhekk xħin ġie d-dilluvju ġarrhom miegħu. Min-naħa l-oħra, il-Kristjan hu msejjaħ sabiex ikollu arka fil-ħajja tiegħu, mhux biss biex jistkenn fiha meta jasal id-dilluvju, imma li tagħti sens anki lill-azzjonijiet ta' kuljum. "Mela sew jekk tieklu, sew jekk tixorbu, sew jekk tagħmlu xi ħaġ'oħra agħmlu kollox għall-glorja ta' Alla" (1 Kor 10, 31). Dik il-frażi/motivazzjoni/eżempju li jmexxini fl-azzjonijiet ta' kuljum.

**v. 40-41: Imbagħad tnejn ikunu fl-għalqa: wieħed jittieħed u l-ieħor jitħalla; żewġ nisa jkunu jitħnu flimkien: waħda tittieħed u l-oħra titħalla.**

Il-verbi "tittieħed" u "titħalla" jindikaw is-salvazzjoni u l-abbandun definittiv minn Alla. L-eżempju jindika li se jkun hemm destin differenti ħafna għal nies li jgħixu qrib xulxin u jaħdmu flimkien. In-nisa li jitħnu jkunu saħansitra qed jagħmlu l-istess ħaġa: jimbuttaw il-ġebla tat-tħin miż-żewġ naħat tat-travu li jkollha għaddej minn ġo nofsha. Hemm xi ħaġa iktar importanti 'l hemm mill-azzjoni li wieħed qed jagħmel u li fuqha se jiġi ġġudikat. Barra minn hekk m'hemm l-ebda post, xogħol, jew kundizzjoni li permezz tagħha wieħed jista' jħossu fiż-żgur, meħlus mill-prova u mill-ġudizzju. Ma jeżistux nies privileġġjati jew tal-qalba. Anki mill-iskribi li għandhom f'idejhom il-Kelma ta' Alla, jew mis-saċerdoti fit-tempju, wieħed jittieħed u l-ieħor jitħalla. "Min tawh ħafna, ħafna jitolbu mingħandu, u min irħewlu ħafna f'idejh, iżjed jitolbuh" (Lq 12, 48). L-importanza li nikkunsidra l-possibilità li dak li jingħatali, minħabba n-nuqqas ta' attenzjoni tiegħi, indawwru fil-kundanna tiegħi.

**v. 42: Ishru mela għax ma tafuhx il-jum li fih jiġi Sidkom**

Minn hawnhekk tibda' l-parti eżortattiva ta' din is-silta. Mhijiex iktar deskrizzjoni ta' x'se jiġri, imma ordni lid-dixxipli x'għandha tkun l-imġjieba tagħhom. Il-verb "ishru" (*gregoreite*) huwa ppreżentat waħdu bħala imperattiv assolut mingħajr ebda oġġett partikulari. Mhux sempliċiment li wieħed jishar għal xi affarijiet jew f'xi sitwazzjonijet biss, imma li l-ħajja kollha tiegħu tkun ikkaratterizzata minn din is-sahra. Il-fidi kristjana hija s-sahra waqt it-tentazzjoni li

naħseb li Alla Sidi jinsab assenti mid-dinja. Kull wieħed irid isib hu l-mod kif jikkonkretizza dan il-kmand għall-ħajja tiegħu.
Għas-saċerdot is-sahra tiegħu wkoll id -dimensjoni tal-għassa fuq il-merħla. Infatti *gregoros* huwa wkoll l-għassies, li fuq l-eżempju ta' Kristu "ir-Ragħaj u l-Għassies ta' rwieħna" (cf. 1 Pt 2, 25) jishar fuq il-merħla tiegħu. Bi kliemu u b'għemilu, kontra l-aljenazzjonijiet materjali u spiritwali, jerġa' jfakkar lil ħutu fil-miġja ta' Sidhom, ibda' mill-memorjal li jiċċelebra fuq l-altar u li permezz tiegħu, jistieden lill-fidili, jistennewH sa ma jiġi.

**v. 43: Kunu afu dan, li kieku sid id-dar kellu jkun jaf f'liema sahra tal-lejl se jiġi l-ħalliel, kien jishar u ma jħallix min jinfidlu l-ħitan ta' daru**

Din hija parabbola qasira li, fis-simboliżmu tagħha, taqleb l-irwoli li rajna s'issa. Is-Sid li ġej huwa mqabbel ma' ħalliel u l-qaddej li jrid jagħti kont t'għemilu jsir sid id-dar. L-enfasi tal-parabbola hija għalhekk fuq l-atteġġjamenti. Sid id-dar huwa l-kap tal-familja li jieħu fuqu r-responsabilità li jishar. Huwa l-figura ta' xi ħ add li għandu f'idejh il-ħarsien tal-ħajja tiegħu u ta' familtu u jwieġeb mhux biss għalih innifsu imma għaliha. Hekk ukoll kull Nisrani huwa msejjaħ sabiex isir is-sid tal-eżistenza tiegħu, mhux biex jinsa li hu qaddej, imma biex iħossu responsabbli minnha, jħarisha b'iktar attenzjoni. Is-saċerdot, imbagħad, huwa dak li hu partikularment responsabbli mid-dar ta' Alla li hija l-Knisja.
Min-naħa l-oħra, il-Mulej Ġesù huwa l-ħalliel li jidħol ġod-dar mhux mill-bieb prinċipali, imma billi jinfed il-ħitan (il-verb *diorusso* letteralment jindika xi ħadd li jħaffer ġol-ħajt). Ġesù għandu t -tendenza li jiġi bħal ħalliel, f'ħinijiet, b'modi, f'postijiet li ma nkunx qed nobsorhom. Ġeneralment il-bieb ta' barra ta' ħajjitna hu mbarrat b'affarijiet oħra, allura l-Mulej irid isib modi oħra kif jidħol. Jissorprendi anki lis-sid li jkun qed jishar, għax dan qatt ma jista' jkun jaf is-siegħa li fiha se jiġi, imma almenu ma jiħdux għal għarrieda u jkun jista' jmur jaffaċċjah.

**v. 44: Mela kunu lesti intom ukoll, għax qatt ma tistgħu tobsru s-siegħa li fiha jiġi Bin il-bniedem**

Iż-żmien meta jiġi Bin il-bniedem jibqa' mistur. Il-kwistjoni taż-żmien hija ċentrali u fl-istess ħin tibqa' mhix solvuta (meta kkunsidrata mil-lenti tal-*kronos*). Għalhekk id-dixxiplu m'għandu l-ebda soluzzjoni oħra għajr li jkun lest u moħħu hemm ( *mindful*) fl-affarijiet ta' bħalissa. Flimkien mal-komunità, jrid ibiegħed minnu kulma jħeddlu u jtelliflu l-attenzjoni: intenzjonijiet li ftit neżaminawhom, opri tajba li jsiru sempliċi rutina, vizzji li jindraw, it-tajjeb li jsir banali wisq biex ninnutawh, u l-ħażin li jsir attraenti biex nitkellmu fuqu u nagħmluh is-

suġġett tat-tgergir tagħna. Id-dixxiplu m'għandu l-ebda ħjiel iktar mill-ħażin dwar din is-siegħa, imma għandu l-wegħda li jekk Bin il-Bniedem isibu jishar jieħdu miegħu u ma jabbandunahx.